**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL. D**

**Illum 30 ta` Novembru 2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ian Abdilla)**

**Vs**

**Anthony Ellul**

**Kump : 87/2008**

**IL-QORTI**;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Anthony Ellul** detentur tal-karta ta` l-identita` bin-numru **545261M**, fejn gie akkuzat talli f'Jannar 2008, u fix-xhur u s-snin ta` qabel f`dawn il-Gzejjer, b`diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b`rizoluzzjoni wahda;

1. B`mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta` ismijiet foloz, jew ta`kwalifiki foloz, jew billi inqdew b`qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b`ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta` intraprizi foloz, jew ta` hila jew setgha fuq haddiehor jew ta`krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza` dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b`qerq ta` aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad dannu ta` Ingrid-Charlene Micallef nee` Sammut; *(Dan bi ksur ta`l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta`Malta)*

*2.* U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirokostanzi, appropja ruhu, billi dawwru bi profit ghalih jew ghal persuna/i ohra, is-somma ta` aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) f`oggetti tad-deheb u materjal prezzjuz iehor ghad-dannu ta` Ingrid-Charlene Micallef nee` Sammut, liema somma jew oggetti gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu illi jbig mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat; *(Dan bi ksur ta`l-Artikoli 18,293 ,u 310 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta`Malta.)*

*3.* U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, bl-imgieba tieghu, ikkaguna lil haddiehor jibza li se tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-propjeta` ta` xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna ohra msemmija fl-artikolu 222(1) tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta`Malta; *(Dan bi ksur ta`l-Artikoli 18 u 251B tal-kap,9 tal-ligijiet Ta`Malta)*

U b`hekk, l-imputat **Anthony Ellul** sar recidiv a termini ta` l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta` Malta, b`sentenza moghtija mill-Qorti tal-

Magistrati(Malta) diversament preseduta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

Kif wkoll b`hekk, l-imputat **Anthony Ellul** ikkommetta reat li ghalih hemm piena ta` prigunerija fil-perjodu operattiv ta` sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati(Malta) diversament preseduta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta` htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-ligi, tordna wkoll il-konfiska ta` l-oggetti kollha esebiti.

Il-qorti hija wkoll gentilmemt mitluba sabiex f`kaz ta` htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta` spejjes li jkollhom x`jaqsmu mal-hatra ta` esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 553 tal-kapitlu 9 tal-ligijiet ta` Malta.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa;

Rat ir-*rinvio a giudizio* tal-Avukat Generali tat-28 ta' Mejju 2008 (ara fol 96), u l-verbal tas-16 ta' Gunju 2008 fejn l-imputat ta l-kunsens tieghu ghall-proceduri sommarji.

**Ikkunsidrat;**

Illi dak li rrizulta f'dan il-kaz kien, *in succint*, is-segwenti.

Illi fiz-zmien indikat fl-imputazzjoni, Ingrid Charlene Micallef kienet ghaddejja minn zmien difficli fiz-zwieg taghha. Inzerta li l-imputat kien habib taghha u ta` zewgha u l-imputat kien ukoll jaghmilha ta` 'medjatur'.

Gara izda li, bejn l-imputat u Ingrid Charlene Micallef, nibtet relazzjoni tant li anki flimkien kellhom tifel. Inzerta wkoll li r-ragel propja ta` Ms. Micallef kellu xi problemi mal-pulizija. L-imsemmija Ms. Micallef u zewgha isseparaw *de facto.* L-imputat, li anki hu kellu varji problem, fosthom ta` nuqqas ta` flus, jidher li ddisinja pjan f'mohhu. U dana billi lil Ms. Micallef qalilha li sabiex jipprotegilha d-deheb li kellha minn xi azzjoni hazina da parti ta` zewgha, kien ikun ahjar li tatieh lilu biex jiddepozitahulha l-bank. Ms. Micallef hasbet li hekk setghet isserrah rasha li d-deheb kollu li kellha kien ser ikun protett fil-bank, u allura ghaddietu kollu lill-imputat.

Illi sadanittant, l-imputat u Ms. Micallef bdew jghixu flimkien gewwa l-Marsa, fl-abitazzjoni ta` l-imputat. Meta ghadda ftit zmien u staqsietu fejn kien id-deheb, naturalment ghax talbitulu, l-imputat qalilha li kien iddepozitah il-bank. Meta bdiet tippressah, l-imputat beda jghidilha li d-deheb ma kienx ghadu l-bank, li kellu jissellef xi flus fuqu, u li kellha sserrah mohhha. Gara izda li l-imputat kompla jinganna lil Ms. Micallef u jghidilha li biex igib id-deheb lura, kellu bzonn xi flus. U hi, maqbuda f'dawn ic-cirkostanzi, ppruvat tghinu billi ttieh aktar deheb, fuq medda ta` zmien, u dana mhux biex ibieghu, izda biex ikun jista jissellef flus fuqu.

Illi waqt din ir-relazzjoni ta` bejniethom, Ms. Micallef kienet anki ttieh xi flus lill-imputat, bl-obbligu tar-radd. Meta pero`, bdiet taghfsu biex jirritornalha d-deheb u l-flus, l-imputat beda jirrikorri ghat-theddid. Izda fil-fjur ta` din ir-

relazzjoni, l-imputat kien jghid lil Ms. Micallef li kienu ser jghixu kuntenti flimkien, li kien ser jixtrilha flat, li kien ser jixtrilha karozza, li kien ser jghinha fit-trobbija tat-tifla (li kellha miz-zwieg taghha) – bid-diskors sabih, il-hajja pingijielha sabiha hafna. Izda fil-verita, ir-realta kienet hafna differenti; l-imputat kien mifni bi problemi finanzjarji, u fil-perjodu *de quo*, filwaqt li kien qed jingannaha (li Ms. Micallef) biex jaghmel qliegh b'qerq a detriment taghha, kien ukoll qed jiehu oggetti minghandha biex bihom jaghmel uzu specifikat, izda kien juzahom ghal ghanijiet differenti u lanqas osserva l-obbligu tar-radd.

**Ikkunsidrat**;

Illi dawn ir-rizultanzi processwali, legittimament gabu lill-imputat passabbli ghar-reati addebitati fil-konfront tieghu.

Ghal dak li jirrigwarda l-ahjar sanzjoni, l-Qorti tqis, fost ohrajn, is-segwenti :

It-trapass taz-zmien;
Li l-imputat irritorna lill-parte civile s-somma ta` Euro 2329.37 kif ukoll xi oggetti kif elenkati fil-verbal tat-22/02/2008 (ara folio 67);
Ingrid Charlene Micallef iddikjarat fix-xhieda taghha tat-22/04/2008 li trid li l-kwistjoni ma l-imputat riferibbilment ghal dawn il-proceduri tinghalaq. L-istess xhud regghet insistiet li ma kellha ebda interess f'dawn il-proceduri propju fid-depozizzjoni taghha moghtija fl-udjenza tallum stess;

**KONKLUZJONI**;

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 17, 18, 23, 28A, 28B, 28C, 28D, 28E, 28F, 28G, 28H, 31, 49, 50, 222(1)(a), 293, 251B, 308, 309, 310(1)(a), u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Anthony Ellul, hati tal-imputazzjonijiet kif dedotti u minflok piena qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin millum u dana ai termini ta` l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur